ID-DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2050

tal-10 ta' Diċembru 2020

li tagħti derogi lil ċerti Stati Membri mill-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni

(notifikata bid-dokument C(2020) 8595)

(It-testi bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bil-Kroat, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bir-Rumen, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bl-Isvediż u bit-Taljan biss huma awtentiċi)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (Test b'rilevanza [1]), partikolarment l-Artikolu 19(1) tiegħu,

Billi:

(1) Mill-informazzjoni pprovduta lill-Kummissjoni jidher li t-talbiet għal derogi tal-Ġermanja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja u l-Finlandja stabbiliti fl-Anness huma ġġustifikati mill-ħtieġa għal adattamenti kbar għas-sistemi amministrattivi u statistiċi nazzjonali sabiex jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2019/1700.

(2) Id-derogi mitluba jenħtieġ li jingħataw lill-Ġermanja, lill-Irlanda, lill-Greċja, lil Spanja, lil Franza, lill-Kroazja, lill-Italja, lil Ċipru, lil-Litwanja, lil-Lussemburgu, lil Malta, lin-Netherlands, lill-Polonja, lir-Rumanija, lis-Slovenja u lill-Finlandja.

(3) Il-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-derogi mir-Regolament (UE) 2019/1700 stabbiliti fl-Anness għandhom jingħataw lill-Istati Membri elenkati fih.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, lill-Irlanda, lir-Repubblika Ellenika, lir-Renju ta' Spanja, lir-Repubblika Franċiża, lir-Repubblika tal-Kroazja, lir-Repubblika Taljana, lir-Repubblika ta' Ċipru, lir-Repubblika tal-Litwanja, lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu, lir-Repubblika ta' Malta, lir-Renju tan-Netherlands, lir-Repubblika tal-Polonja, lir-Rumanija, lir-Repubblika tas-Slovenja u lir-Repubblika tal-Finlandja.

[1] ĠU L 261 I, 14.10.2019, p. 1.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Paolo GENTILONI
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Derogi mir-Regolament (UE) 2019/1700

Dominju: Forza tax-xogħol

Artikolu/Anness konċernat	Stat Membru	Perjodu ta' deroga mogħti	Kontenut tad-deroga mogħtija
Artikolu 5 - Popolazzjonijiet statistiċi u unitajiet ta' osservazzjoni	Franza	3 snin (2021-2023)	L-istħarriġ m'għandux ikopri d-Dipartiment Franċiż tal-Majott.
Anness II - Rekwiżiti ta' preċiżjoni	Il-Greċja	3 snin (2021-2023)	Ir-rekwiżiti ta' preċiżjoni għall-proporzjon trimestrali tal-qgħad mal-popolazzjoni ta' 15-74 jistgħu ma jintlaħqux għal xi reġjuni NUTS 2.
	In-Netherlands	Sena waħda (2021)	Minbarra l-mikrodata bbażata fuq id-daqs limitat tal-kampjun li trid tiġi kkompletata gradwalment biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' preċiżjoni kollha, għandhom jiġu trażmessi l-indikaturi ewlenin ibbażati fuq mudelli u d-dekompożizzjoni ta' dawn l-indikaturi. Fejn mitlub, għandhom jiġu pprovduti indikaturi aktar dettaljati inkluż d-dekompożizzjoni tagħhom.
Anness V - Skadenzi għat-trażmissjoni tad-data	Il-Greċja, l-Italja	Sena waħda (2021)	Il-mikrodata trimestrali ċċekkjata minn qabel mingħajr identifikaturi diretti għandha tiġi trażmessa fi żmien 12-il ġimgħa mit-tmiem tal-perjodu referenzjarju.
	L-Italja	3 snin (2021-2023)	Il-mikrodata trimestrali ċċekkjata minn qabel mingħajr identifikaturi diretti għat-tema dettaljata "introjtu mix-xogħol" għandha tiġi trażmessa fi żmien 18-il xahar mit-tmiem tal-perjodu referenzjarju.

Dominju: Introjtu u kundizzjonijiet tal-għajxien

Artikolu/Anness konċernat	Stat Membru	Perjodu ta' deroga mogħti	Kontenut tad-deroga mogħtija
Artikolu 13(5) Kwalità	Il-Litwanja	3 snin (2021-2023)	Il-metadata u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 13(4) għandhom jiġu trażmessi sa tmiem Settembru 2022 għall-ġbir tad-data tal-2021, sa tmiem Lulju 2023 għall-ġbir tad-data tal-2022, u sa tmiem Mejju 2024 għall-ġbir tad-data tal-2023.
Anness II - Rekwiżiti ta' preċiżjoni	Il-Ġermanja	Sentejn (2021-2022)	L-indikatur "Proporzjon ta' riskju persistenti ta' faqar fuq erba' snin mqabbel mal-popolazzjoni" għandu jiġi eżentat mir-rekwiżiti ta' preċiżjoni.
	L-Irlanda	3 snin (2021-2023)	Għall-valur massimu tal-errur standard tal-indikatur "Proporzjon ta' riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali mqabbel mal-popolazzjoni" il-valuri tal-parametri a u b għandhom ikunu: a = 900 u b = 700 għall-ġbir tad-*data* tal-2021; a = 900 u b = 1175 għall-ġbir tad-*data* tal-2022; a = 900 u b = 1650 għall-ġbir tad-*data* tal-2023.

Artikolu/Anness konċernat	Stat Membru	Perjodu ta' deroga mogħti	Kontenut tad-deroga mogħtija
			L-indikatur "Proporzjon ta' riskju persistenti ta' faqar fuq erba' snin mqabbel mal-popolazzjoni" għandu jiġi eżentat mir-rekwiżiti ta' preċiżjoni. L-indikatur "Proporzjon ta' riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali mqabbel mal-popolazzjoni f'kull reġjun NUTS 2" għandu jiġi eżentat mir-rekwiżiti ta' preċiżjoni.
	Franza	Sentejn (2021-2022)	L-indikatur "Proporzjon ta' riskju persistenti ta' faqar fuq erba' snin mqabbel mal-popolazzjoni" għandu jiġi eżentat mir-rekwiżiti ta' preċiżjoni.
	L-Italja	3 snin (2021-2023)	Ir-rekwiżit ta' preċiżjoni għall-indikatur "Proporzjon ta' riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali mqabbel mal-popolazzjoni f'kull reġjun NUTS 2" għandu japplika f'kull reġjun NUTS 1 minflok f'kull reġjun NUTS 2.
	Il-Finlandja	3 snin (2021-2023)	L-indikatur "Proporzjon ta' riskju persistenti ta' faqar fuq erba' snin mqabbel mal-popolazzjoni" għandu jiġi eżentat mir-rekwiżiti ta' preċiżjoni.
Anness III - Karatteristiċi tal-kampjun	Il-Ġermanja	Sentejn (2021-2022)	Il-kampjun għandu jkollu skema ta' rotazzjoni ta' biennali għall-ġbir tad-*data* tal-2021 u skema ta' rotazzjoni triennali għall-ġbir tad-*data* tal-2022.
Anness V - Skadenzi għat-trażmissjoni tad-data	Il-Ġermanja	3 snin (2021-2023)	Il-mikrodata ċċekkjata minn qabel mingħajr identifikaturi diretti li jikkonċernaw il-ġbir tad-*data* tas-sena N għandha tiġi trażmessa sa tmiem Frar tas-sena N + 1.
	L-Irlanda	Sena waħda (2021)	Il-mikrodata ċċekkjata minn qabel mingħajr identifikaturi diretti dwar il-ġbir tad-*data* tal-2021 għandha tiġi trażmessa sa tmiem Marzu 2022.
	Il-Greċja	3 snin (2021-2023)	Il-mikrodata ċċekkjata minn qabel mingħajr identifikaturi diretti dwar il-ġbir tad-*data* tal-2021, tal-2022 u tal-2023 għandha tiġi trażmessa sa tmiem April 2022, sa tmiem Marzu 2023 u sa tmiem Frar 2024, rispettivament.
	Spanja	Sentejn (2021-2022)	Il-mikrodata ċċekkjata minn qabel mingħajr identifikaturi diretti dwar il-ġbir tad-*data* tal-2021 għandha tiġi trażmessa sal-15 ta' Ġunju 2022 u dwar il-ġbir tad-*data* tal-2022 sa tmiem Marzu 2023.
	Franza	3 snin (2021-2023)	Fir-rigward tal-il-varjabbli dwar l-introjtu, il-mikrodata ċċekkjata minn qabel mingħajr identifikaturi diretti li jikkonċernaw il-ġbir tad-*data* tas-sena N għandha tiġi trażmessa sa tmiem Marzu tas-sena N + 1.
	Il-Kroazja	Sentejn (2021-2022)	Il-mikrodata ċċekkjata minn qabel mingħajr identifikaturi diretti dwar il-ġbir tad-*data* tal-2021 għandha tiġi trażmessa sal-15 ta' Ġunju 2022 u dwar il-ġbir tad-*data* tal-2022 sa tmiem Marzu 2023.
	L-Italja	3 snin (2021-2023)	Il-mikrodata ċċekkjata minn qabel mingħajr identifikaturi diretti dwar il-ġbir tad-*data* tal-2021, tal-2022 u tal-2023 għandha tiġi trażmessa sal-15 ta' Ġunju 2022, sa tmiem April 2023 u sa tmiem Marzu 2024, rispettivament.
	Ċipru	3 snin (2021-2023)	Il-mikrodata ċċekkjata minn qabel mingħajr identifikaturi diretti li jikkonċernaw il-ġbir tad-*data* tas-sena N għandha tiġi trażmessa sal-15 ta' Ġunju tas-sena N + 1.
	Il-Litwanja	3 snin (2021-2023)	Il-mikrodata ċċekkjata minn qabel mingħajr identifikaturi diretti dwar il-ġbir tad-*data* tal-2021, tal-2022 u tal-2023 għandha tiġi trażmessa sa tmiem April 2022, sa tmiem Marzu 2023 u sa tmiem Frar 2024, rispettivament.

Artikolu/Anness konċernat	Stat Membru	Perjodu ta' deroga mogħti	Kontenut tad-deroga mogħtija
	Il-Lussemburgu	3 snin (2021-2023)	Fir-rigward tal-il-varjabbli dwar l-introjtu, il-mikrodata proviżorja ċċekkjata minn qabel mingħajr identifikaturi diretti li jikkonċernaw il-ġbir tad-*data* tas-sena N għandha tiġi trażmessa sa tmiem April tas-sena N + 1, u *data* riveduta sa tmiem Mejju tas-sena N+1.
	Malta	3 snin (2021-2023)	Il-mikrodata ċċekkjata minn qabel mingħajr identifikaturi diretti li jikkonċernaw il-ġbir tad-*data* tas-sena N għandha tiġi trażmessa sa tmiem April tas-sena N + 1.
	Il-Polonja	Sentejn (2021-2022)	Il-mikrodata ċċekkjata minn qabel mingħajr identifikaturi diretti dwar il-ġbir tad-*data* tal-2021 għandha tiġi trażmessa sal-15 ta' Ġunju 2022 u dwar il-ġbir tad-*data* tal-2022 sa tmiem Marzu 2023.
	Ir-Rumanija	3 snin (2021-2023)	Il-mikrodata ċċekkjata minn qabel mingħajr identifikaturi diretti li jikkonċernaw il-varjabbli finali kollha tal-ġbir tad-*data* tas-sena N għandha tiġi trażmessa sa tmiem Frar tas-sena N + 1.
	Is-Slovenja	Sena waħda (2021)	Il-mikrodata ċċekkjata minn qabel mingħajr identifikaturi diretti dwar il-ġbir tad-*data* tal-2021 għandha tiġi trażmessa sal-15 ta' Ġunju 2022.

Dominju: Saħħa

Artikolu/Anness konċernat	Stat Membru	Perjodu ta' deroga mogħti	Kontenut tad-deroga mogħtija
Anness V - Skadenzi għat-trażmissjoni tad-data	Ir-Rumanija	Sena waħda (l-ewwel sena tal-implimentazzjoni)	Il-mikrodata ċċekkjata minn qabel mingħajr identifikaturi diretti għall-ġbir tad-*data* għandha tiġi trażmessa fi żmien 12-il xahar minn tmiem il-perjodu nazzjonali tal-ġbir tad-*data*.

Dominju: Edukazzjoni u taħriġ

Artikolu/Anness konċernat	Stat Membru	Perjodu ta' deroga mogħti	Kontenut tad-deroga mogħtija
Anness II - Rekwiżiti ta' preċiżjoni	Il-Finlandja	3 snin (2021-2023)	Ir-rekwiżit ta' preċiżjoni għall-indikatur "Rata ta' parteċipazzjoni fl-edukazzjoni formali u t-taħriġ (età 18-24)" jista' ma jiġix issodisfat.

Dominju: Użu tal-ħin

Artikolu/Anness konċernat	Stat Membru	Perjodu ta' deroga mogħti	Kontenut tad-deroga mogħtija
Anness V - Skadenzi għat-trażmissjoni tad-data	Ir-Rumanija	Sena waħda (l-ewwel sena tal-implimentazzjoni)	Il-mikrodata ċċekkjata minn qabel mingħajr identifikaturi diretti għall-ġbir tad-*data* għandha tiġi trażmessa fi żmien 20 xahar minn meta jitlesta l-fieldwork.